MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 351/2003

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma f’isimha proprju u ghan-nom ta’ l-Enemalta**

**Vs**

**David Grech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta’ attrici talbet il-hlas ta’ Lm153.82c (mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu) rapprezentanti bilanc dovut fuq kontijiet pendenti ghall-konsum ta’ l-elettriku u kera ta’ meter ta’ l-elettriku.

Ra r-Risposta li fiha l-konvenut ighid li fis-sena ta’ 1992 huwa kellu biss ghaxar snin u ma kienx joqghod f’dan il-post. Ighid li dan huwa zball tas-socjeta’ attrici.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra s-seduta tat-13 ta' Novembru, 2003 li fiha xehdet Daniela Grech, omm il-konvenut fejn tikkonferma li dahlu jghixu f'dan il-fond f'Marzu 1993 u tghid ukoll li kienet infurmat lill-Korporazzjoni attrici b'dan. Tikkonferma li ma ffirmat ebda dokument ghaliex il-Korporazzjoni attrici qalulha li kienu jafu.

**Ikkunsidra**

Li l-Korporazzjoni attrici ma resqet ebda prova biex turi li kien hemm xi ftehim bejn il-konvenut jew persuna awtorizzata biex tidher ghall-minuri u l-istess Korporazzjoni attrici.

Illi fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, il-Korporazzjoni attrici kellha tipprezenta prova li kien hemm ftehim mal-konvenut jew persuna awtorizzata minnu u l-istess Korporazzjoni.

Ghalhekk jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------